# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **772/2023**

## PETER LEONARD VAN VUURE (KI 0298056A)

**VS**

## LAZAR PETROVSKI (KI 172991A)

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, erbgħa u għoxrin (24) ta' Settembru 2024**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar talba għal-likwidazzjoni u rifużjoni ta' ħlasijiet li saru mir-rikorrent lill-intimat sabiex jinxtara materjal u jsiru xogħlijiet mill-intimat, liema materjal qatt ma nxtara u xogħlijiet qatt ma saru.

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat preżentat fid-dsatax (19) ta' Lulju 2023, **Peter Leonard Van Vuure** ippremetta:

a. *Illi fis-sena elfejn u dsatax (2019) ir-rikorrent u l-intimat daħlu fi ftehim fejn l-intimat obbliga ruħu li jagħmel diversi xogħlijiet li jinkludu installazzjoni ta' dawl u ilma ġewwa żewġ appartamenti proprjeta' tar-rikorrent senjatament l-Għargħur fi Triq Caravaggio, Building The Calling, Apartment C7 u C3 li jinkludu żewġ (2) lock-up garages kull appartament, kif ukoll ġewwa l-Gżira fi Triq tas-Sliema, Building 14 East, Apartment 1900 li jinkludu tlett (3) spazji ta' parkeġġ;*

b. *Illi l-partijiet kienu ftehmu li r-rikorrent jivversa favur l-intimat diversi ammonti ta' flus sabiex jiġu koperti spejjeż ta' dawn ix-xogħlijiet li jkunu akkumulaw kif ukoll sabiex jinxtara materjal għal diversi installazzjonijiet ta' dawl u ilma;*

c. *Illi r-rikorrent ħallas l-ammont ta' mija, tlieta u għoxrin elf, erba' mija disgħa u tletin Ewro punt tlieta u tmenin ċenteżmi (€123,439.83) f'diversi pagamenti mqassma mill-2019 sal-2023 li sitta u għoxrin elf, erba' mija disgħa u ħamsin Ewro (€25,459.00) minnhom tħallsu mir-rikorrent fi flus kontanti, mentri sitta u disgħin elf, disa' mija u tmenin Ewro punt tlieta u tmenin ċenteżmi (€96,980.83) tħallsu f'pagamenti permezz tal-kont bankarju 'Revolut' tal-istess rikorrent, dan kollu ser jiġi pruvat tul it-trattazzjoni tal-kawża;*

d. *Illi l-intimat irċieva dawn il-ħlasijiet fuq il-premessa li huwa jixtri l-materjal neċessarju sabiex jintuża għax-xogħlijiet li perżumibbilment kien qiegħed jagħmel. Minkejja dan, kif ser jirriżulta mill-provi prodotti lil din l-Onorabbli Qorti, matul dan iż-żmien kollu l-intimat ftit li xejn għamel dak li kien rikjest minnu;*

e. *Illi r-rikorrent induna li l-maġġoranza tal-flus li ħallas lill-intimat sabiex dan tal-aħħar jixtri l-materjal neċessarju ma ntużawx għal dan l-iskop;*

f. *Illi l-ammont ta' mija tlieta u għoxrin elf, erba' mija disgħa u tletin Ewro punt tlieta u tmenin ċenteżmi (€123,439.83) hija s-somma komplessiva ta' dawk il-ħlasijiet li saru mir-rikorrent sabiex isiru x-*

*xogħolijiet neċessarji mill-intimat iżda tali xogħlijiet qatt ma saru u l-materjal qatt ma nxtara;*

3. Għaldaqstant ir-rikorrent talab lil din il-Qorti sabiex:

    i. *Tiddikjara illi r-rikorrent għamel diversi ħlasijiet lill-intimat skond il-ftehim bejn l-istess kontendenti;*

    ii. *Tiddikjara illi l-intimat kiser dan il-ftehim billi ma użax il-flus li ngħata mir-rikorrent għall-iskop li ngħataw;*

    iii. *Tillikwida, jekk ikun hemm bżonn bil-ħatra ta' perit komputista/ tekniku, dik is-somma li għandha tingħata lura lir-rikorrent mill-intimat;*

    iv. *Tordna u tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lir-rikorrent dik is-somma li tiġi hekk likwidata ai termini tat-talbiet hawn fuq magħmula.*

    *Bl-ispejjeż u bl-imgħax skond il-liġi sad-data tal-ħlas effettiv, inkluż l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali bin-numru 1951/2023 kontra l-intimat.*

4. Permezz ta' digriet mogħti fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Lulju 2023, din il-Qorti appuntat il-kawża għas-seduta ta' nhar il-Ħamis, sitta u għoxrin (26) ta' Ottubru 2023, b'ordni għan-notifika tar-rikors lill-intimat, illi ngħata għoxrin (20) jum biex jirrispondi skont il-liġi;

5. L-intimat **Lazar Petrovski**, debitament notifikat bil-proċedura tal-pubblikazzjoni u l-affissjoni, baqa' ma intavolax risposta ġuramentata fit-terminu lilu konċess, u ġie għalhekk dikjarat fi stat ta' kontumaċi waqt is-seduta tas-sebgħa (7) ta' Marzu 2024.

**Il-Qorti**

6. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrent datat dsatax (19) ta' Lulju 2023;

7. Rat illi l-konvenut ġie dikjarat fi stat ta' kontumaċja;

8. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Peter Leonard Van Vuure** waqt is-seduta tal-Ħamis, tmintax (18) t'April 2024[1], u rat id-dokumenti minnu esebiti u mmarkati **Dok PLV1 sa PLV6** (a fol 36 *et seq* tal-proċess);

9. Rat illi l-konvenut ma ppreżentax nota ta' sottomissjonijiet entro t-terminu lilu konċess mill-Qorti;

10. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent;

11. Rat illi l-kawża tħalliet għas-seduta tal-lum għas-sentenza;

12. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

*A. <u>Stat ta' Kontumaċja</u>*

13. Fl-ewwel lok, il-Qorti tħoss illi jkun għaqli illi tindirizza l-istat tal-konvenut fil-kawża odjerna;

14. L-Artikolu 187 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi illi:

> *(1) In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun innotifikata, kull fejn dik il-persuna tista' tinstab. In-notifika tista' wkoll issir billi dik il-kopja titħalla fil-lok fejn toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali ta' dik il-persuna f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-*

[1] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 24 *et seq* tal-proċess

*posta tagħha. Jekk in-notifika ma ssirx fl-ewwel tentattiv, l-uffiċjal inkarigat min-notifika għandu jagħmel żewġ tentativi oħra biex jinnotifika l-kopja tal-iskrittura mingħajr ebda awtorizazzjonijiet oħra mill-Qorti u dawn it-tentattivi għandhom isiru f'ħinijiet differenti tal-ġurnata, bl-aħħar tentattiv ta' notifika jsir wara l-ħinijiet ġudizzjarji. [...]*

*[...]*

*(3) Jekk mir-riferta tal-uffiċjal inkarigat minn notifika ta' skrittura jew att ġudizzjarju jinstab li l-persuna li għandha tiġi notifikata bl-iskrittura jew att, għalkemm ma tirriżultax li qegħda barra minn Malta, id-dħul fil-post tar-residenza tagħha ma jkunx jista' jsir, jew il-post tar-residenza tagħha ma jkunx magħruf, il-qorti tista' tordna illi n-notifika ssir billi titwaħħal kopja tal-att fil-post, fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwaħħlu l-atti uffiċjali, u billi dik l-iskrittura jew att jinħarġu fil-qosor fil-Gazzetta u f'ġurnal ta' kuljum wieħed jew iktar minn wieħed skont kif il-qorti tiddeċiedi u, meta jkun possibbli, jekk il-post tar-residenza jkun magħruf, billi titwaħħal kopja tal-iskrittura mal-bieb ta' dik ir-residenza. Il-qorti tista' wkoll tieħu dawk il-miżuri oħra li jkunu jidhrulha xierqa sabiex l-iskrittura jew l-att issir taf bihom il-persuna li lilha għandhom ikunu notifikati. F'dawk il-każijiet in-notifika għandha titqies li tkun saret fit-tielet jum tax-xogħol wara l-aħħar data meta tkun ġiet pubblikata jew minn meta tkun twaħħlet il-kopja, skont liema tiġi l-aktar tard. F'każijiet meta n-notifika tkun ġiet ordnata li ssir b'urġenza, in-notifika titqies li tkun saret f'dak iż-żmien speċifiku, wara t-twaħħil jew il-pubblikazzjoni skont kif il-qorti tista' tistabbilixxi, li jissemma fl-istess pubblikazzjoni jew twaħħil.*

15. Fil-każ odjern, il-Marixxal tal-Qorti għamel tliet (3) tentattivi sabiex jinnotifika lill-intimat: fl-għaxra (10) t'Awwissu 2023[2], sitta (6) t'Ottubru 2023[3] u sebgħa (7) ta' Novembru 2023[4]. B'hekk jirriżulta illi saru t-tentattivi kollha ai termini tal-Artikolu 187(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan, iżda, kien għalxejn;

16. Dwar il-proċedura kontemplata mill-Artikolu 187(3) tal-Kap 12, ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Three Barrels Limited vs Joan Schembri noe***[5], kif ċitata b'approvazzjoni wkoll mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Frances Bergedahl noe vs Francis Formosa***[6]:

> *Dan l-artikolu* [cioe l-Artikolu 187(3)] *jimponi tassattivament minimu ta' tlett elementi biex jiġi assigurat in-notifika ta' att bil-proċedura hekk imsejħa "tal-pubblikazzjoni" jew "ta' l-affissjoni".*
>
> *(a) Il-Qorti tista' tordna li notifika ssir billi titwaħħal kopja ta' l-att fil-post fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwaħħlu l-atti uffiċjali;*
>
> *(b) Illi dik l-iskrittura jew att jinħarġu fil-qosor fil-Gazzetta;*
>
> *(c) Illi l-iskrittura jew att jinħarġu f'ġurnal ta' kuljum, wieħed jew aktar minn wieħed, skond kif il-Qorti tiddeċiedi.*
>
> *Dawn it-tlett modalitajiet kif l-iskrittura jew l-att kellhom jinġiebu a konjizzjoni tal-persuna notifikanda kellhom jiġu attwati t-tlieta flimkien, u f'dan ir-rigward il-konġuntiv "u"*

[2] Folder a fol 8 tal-proċess
[3] Folder a fol 11 tal-proċess
[4] Folder a fol 13 tal-proċess
[5] Ċit Nru 553/99, Qorti tal-Appell (Superjuri), 13 ta' Lulju 2001
[6] App Ċiv Nru 128/2007/1, Qorti tal-Appell (Superjuri), 30 ta' Settembru 2011

*għandu jingħata l-piż sħiħ tiegħu. Ma' dawn it-tlett rekwiżiti għan-notifika valida permezz ta' din il-proċedura kellu jiżdied rekwiżit ieħor, ukoll meħtieġ ad validitatem, "meta jkun possibbli jekk il-post ta' residenza jkun magħruf", illi titwaħħal kopja ta' l-iskrittura jew att mal-bieb ta' dik ir-residenza. Jekk ma jiġix provat illi jkun sar dak li l-liġi tesiġi bħala minimu għal notifika valida fit-termini tas-subinċiż 3 ta' l-artikolu 187, tali notifika kellha titqies li kienet irritwali u bla effett fil-liġi.*

17. Il-Qorti rat illi:

    a. Kopja tal-att twaħħlet mal-indirizz tal-intimat nhar l-ewwel (1) ta' Diċembru 2023 (vide timbru a fol 16a tal-proċess);

    b. Kopja tal-att twaħħlet l-Għassa tal-Pulizija Żabbar u Kunsill Lokali Żabbar nhar l-ewwel (1) ta' Diċembru 2023 (vide timbru a fol 16a tal-proċess);

    c. Saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern nhar il-ħdax (11) ta' Jannar 2024 (a fol 20 tal-proċess);

    d. Saret il-pubblikazzjoni f'ġurnal lokali wieħed nhar is-sittax (16) ta' Jannar 2024 (vide **Dok TM** a fol 19 tal-proċess);

18. Jirriżulta għalhekk illi għandu jitqies illi l-intimat ġie notifikat bl-atti nhar id-dsatax (19) ta' Jannar 2024, cioe tlett ijiem ta' xogħol wara l-aħħar pubblikazzjoni. Madanakollu, il-konvenut naqas milli jintavola risposta fit-terminu t'għoxrin jum minn din id-data;

19. Referenza ssir għas-sub-inċiżi tal-**Artikolu 158 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** illi huma relevanti għall-każ odjern, u cioe:

*158. (1) Il-konvenut għandu jippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu fi żmien għoxrin jum mid-data tan-notifika, kemm-il darba ma jkunx se jammetti t-talba.*

*[...]*

*(10) Jekk il-konvenut jonqos li jippreżenta r-risposta ġuramentata msemmija f'dan l-artikolu, il-qorti tiddeċiedi l-kawża bħallikieku l-konvenut baqa' kontumaċi kemm-il darba ma jippruvax għas-sodisfazzjon tal-qorti raġuni tajba li għaliha naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata fiż-żmien li jmiss. Il-qorti għandha, madanakollu, qabel ma tagħti s-sentenza, tagħti lill-konvenut żmien qasir li ma jistax jiġġedded biex fih jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub biex jiddefendi ruħu kontra t-talba tal-attur. Dawk is-sottomissjonijiet għandhom jiġu notifikati lill-attur li jkollu żmien qasir biex jirrispondi.*

20. Fil-każ in eżami, jirriżulta mill-atti illi ma ġiet preżentata l-ebda risposta ġuramentata, u għalhekk din il-Qorti tqis illi l-konvenut jinsab fi stat ta' kontumaċja;

21. Ai termini tas-sub-inċiż 10 tal-Artikolu 158 suċitat, iżda, il-konvenut kellu l-possibilta' illi jġib prova għas-sodisfazzjon tal-Qorti ta' raġuni tajba illi għaliha naqas millli jippreżenta risposta fi żmien għoxrin jum min-notifika tiegħu bir-rikors ġuramentat. Dak illi jikkwalifika bħala ġustifikazzjoni tal-kontumaċja mhuwiex dettat mil-liġi, iżda kienu diversi l-istanzi fejn il-Qrati Maltin iddealineaw kif għandu jiġi interpretat il-kliem *"raġuni tajba"*. Referenza ssir għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Noel Calleja et vs Middle Sea Valletta Life Assurance***[7], fejn, b'referenza għas-sentenza fl-ismijiet ***Vittoria Cassar vs Carmelo Vassallo***[8], il-Qorti tal-Appell elenkat

[7] Appell Ċivili Nru 126/2003/1, Qorti tal-Appell (Superjuri), 28 ta' Jannar 2005
[8] Qorti tal-Appell (Inferjuri), Onor Imħ William Harding, 29 ta' Mejju 1937 (Vol XXIX.i.1581)

il-prinċipji illi huma ġeneralment ikkunsidrati bħala punt ta' tluq għal dak li jikkonċerna l-istat ta' kontumaċja:

> *(1) Il-kontumaċja ma tistax tiġi ritenuta ġustifikata jekk kienet volontarja;*
>
> *(2) Lanqas tista' tiġi ġustifikata jekk kienet almenu kolpuża;*
>
> *(3) Biex ikun hemm lok għall-ġustifikazzjoni hemm bżonn li tiġi pruvata kawża ġusta;*
>
> *(4) Din il-kawża ġusta għandha tkun tikkonsisti f'impediment leġittimu;*
>
> *(5) L-impediment, biex ikun leġittimu, għandu jkun indipendenti mill-volonta' tal-kontumaċi;*
>
> *(6) L-iżball m'hux impediment leġittimu jekk ma jkunx żball invinċibbli, għaliex jekk ikun vinċibbli, allura jiġi ekwiparat għall-kulpa;*
>
> *(7) Dan l-impediment leġittimu jista' jkun, kif intqal, "una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili";*
>
> *(8) L-impossibbilta' li wieħed jidher għas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta' gravi, biex tista' tikkonstitwixxi impediment leġittimu għandha tkun fiżika, u eċċezzjonalment biss tista' tkun morali.*

22. Dwar dik illi tikkostitwixxi *"kawża ġusta"*, ingħad imbagħad fis-sentenza ***Calleja et vs Middle Sea Valletta Life Assurance*** suċitata illi:

> *Dan magħdud, pero', xorta waħda jibqa' mhux għal kollox ben definit x'tikkostitwixxi "kawża ġusta" meta mill-prinċipju*

*wieħed jgħaddi għall-eżami tal-fatti. Fil-fatt ġara li ftit ftit bdiet tidħol il-prassi – għalkemm mhux b'mod uniformi – li darba li konvenut in kontumaċja jidher personalment fl-ewwel appuntament tal-kawża, allura dan beda jitqies bħala turija li ma kienx hemm dak id-dispett jew kontumaċja li trid tirriżulta biex il-kontumaċja ma tiġix iġġustifikata. Din il-Qorti trid tagħmilha ċara li ġustifikazzjoni merament bażata fuq il-preżenza tal-parti mħarrka fl-ewwel appuntament tal-kawża m'huwiex biżżejjed bħala turija li ma hemmx dispett jew kontumaċja lejn l-awtorita' ġudizzjarja. Dik il-preżenza ta' l-imħarrek – fatt fih innifsu pożittiv – hija invece meħtieġa bħala parti mill-indaġni li tkun trid issir mill-Qorti biex tistabbilixxi jekk kienx hemm tassew "kawża ġusta" jew le. Dan hu hekk għar-raġuni li l-ġustifikazzjoni ta' kontumaċja għandha tibqa' titqies bħala eċċezzjoni għar-regola li l-imħarrek hu tenut li jwieġeb bil-miktub b'nota fiż-żmien stipulat fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedurali Ċivili, u bħala tali l-eċċezzjoni m'għandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola.*

23. Fil-każ odjern, il-konvenut jitqies illi kien ben konxju tal-fatt illi r-rikorrent kellu pretensjoni fil-konfront tiegħu, għaliex huwa kkunsidrat illi ġie notifikat bir-rikors ġuramentat u l-avviż tas-smigħ. Anke jekk għall-grazzja tal-argument il-konvenut kellu raġuni valida illi għaliha ddeċieda illi ma jintavolax risposta ġuramentata, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-konvenut kellu mill-inqas jara illi jidher huwa stess u/jew ikun rappreżentat waqt is-seduti sabiex jitlob il-permess tal-Qorti għal estensjoni ta' żmien biex jippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu. Saħansitra anke meta ġie konċess terminu illi fih seta' jagħmel is-sottomissjonijiet finali tiegħu, il-konvenut naqas milli jagħmel dan, u għażel minflok illi jibqa' sieket. Din il-Qorti għalhekk ma tarax illi l-konvenut ġab prova illi kien hemm xi kawża ġusta ai termini tal-prinċipji legali suesposti illi a bażi tagħha din il-Qorti tista' tikkunsidra l-kontumaċja bħala waħda ġustifikata;

24. Dan kollu kkunsidrat, iżda, huwa stabbilit f'ġurisprudenza nostrana illi l-kontumaċja ma tfissirx, u ma tistax tiġi ekwiparata m'ammissjoni. Referenza ssir għal dak ritenut fis-sentenza fl-ismijiet ***Blye Engineering Co Ltd vs Philip Borg Bellanti et***[9], fejn ġie senjalat illi:

> *Magħdud dan, huwa wkoll prinċipju ben stabbilit illi għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi dan ma kellux jinftiehem bħala li hu abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħti fil-kawża u ammetta d-domanda. Sta għall-ġudikant li jeżamina jekk it-talba hix ġustifikata, independentement mill-kontumaċja tal-konvenut. Vide* **Kollez. Vol. XXIX P III p 35***;*

Il-fatt, għalhekk, illi l-konvenut qiegħed jitqies bħala fi stat ta' kontumaċja, ma jfissirx illi, b'mod awtomatiku, għandhom jintlaqgħu t-talbiet tar-rikorrent. Din il-Qorti xorta waħda għandha r-responsabbilta' illi tindaga jekk it-talbiet tar-rikorrent humiex ġustifikati jew le, irrispettivament mill-fatt illi l-konvenut naqas milli jirrispondi tempestivament għat-talbiet kif dedotti fir-rikors ġuramentat u milli jattendi għas-seduti illi nżammu quddiem din il-Qorti.

*B. <u>Il-Mertu tal-Kawża</u>*

25. Mill-provi prodotti mir-rikorrent, din il-Qorti tosserva s-segwenti:

a. Ir-rikorrent **Peter Leonard Van Vuure** jikkonferma bil-ġurament tiegħu illi huma dovuti lilu l-ammonti ta' €26,459 illi huwa għadda lill-intimat fi flus kontanti[10], u ta' €96,980.83 illi huwa għadda lill-intimat

[9] Appell Ċivili Nru 273/2003/1, Qorti tal-Appell (Inferjuri), Onor Imħ Philip Sciberras, 22 ta' Ġunju 2005. Ara wkoll ***Attard Farm Supplies Limited vs Kollvik Recycling S.L.,*** Rik Ġur 649/2017, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Robert G Mangion, 30 ta' Marzu 2021 (in ġudikat), u ***Besteam Audio Limited vs World Entertainment Company s.r.l.***, Rik Ġur 340/2020, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Anna Felice, 4 ta' Mejju 2022 (in ġudikat)
[10] A fol 32 tal-proċess

tramite Revolut[11]. Ir-rikorrent ikkonferma wkoll illi l-flus għaddihom hu personalment lill-intimat sabiex l-intimat jagħmel xi xogħlijiet f'appartamenti illi kienu jappartjenu lir-rikorrent personalment u lil kumpanija tiegħu (*"I wanted him to make alterations and make them more nice so then I would upgrade them and I would be able to ask more rent or in case of selling I could ask a higher price"* (sic) [12]);

b. Ir-rikorrent ippreżenta ritratti tal-envelopes bi flus kontanti illi huwa jsostni illi għadda lill-intimat[13]. Mill-istess ritratti jirriżulta l-ammont illi r-rikorrent jgħid illi ġie mgħoddi f'kull envelope, kif ukoll ix-xogħol u l-materjal illi għalih kien qed isir kull pagament. Il-Qorti rat illi l-ammonti mniżżla fuq l-envelopes jikkorabboraw l-ammont pretiż mir-rikorrent għal ħlasijiet illi huwa jgħid illi saru fi flus kontanti;

c. Ir-rikorrent ippreżenta sensiela ta' *statements* u *Transfer Confirmation Receipts* ta' pagamenti illi għaddew via Revolut[14], f'ammonti illi jwasslu għall-figura minnu pretiża għal ħlasijiet illi huwa jgħid illi saru tramite Revolut. Kull dokument huwa *itemised*, b'dana illi din il-Qorti għandha wkoll idea ċara ta' dak illi għalih sar kull transfer;

d. Ir-rikorrent esebixxa wkoll *chat* bejnu u l-intimat, minn liema *chat* jidher illi bejn il-partijiet kien hemm ftehim fejn l-intimat kien jitlob pagamenti għal xogħol u materjal relattiv għall-proprjetajiet tar-rikorrent bil-quddiem, u r-rikorrent kien jittrasferixxi l-istess pagamenti meta jiġu rikjesti;

e. Ir-rikorrent jikkonferma bil-ġurament tiegħu illi x-xogħol ma sarx u l-materjal ma nxtarax: *"Well I feel like he used me basically as an ATM, he just came there and took the money, he did not do any job, it was ridiculous, even when I paid him like to install something for fifteen euros, I gave him fifteen euros he did not even do that, which would*

[11] A fol 33 tal-proċess
[12] A fol 25-26 tal-proċess
[13] **Dok PLV2** a fol 54 *et seq* tal-proċess
[14] **Dok PLV3** a fol 58 *et seq* tal-proċess

*take fifteen minutes, so he was basically only doing like taking the money."* (sic)[15]

26. Minn dawn l-osservazzjonijiet il-Qorti ma tista tasal għall-ebda konklużjoni għajr illi l-ammont kif pretiż huwa effettivament dovut, u dan b'mod partikolari tenut kont illi, minkejja illi l-konvenut ngħata kull opportunita minn din il-Qorti sabiex jikkontesta l-pretensjoni tar-rikorrent, **il-pretensjoni tar-rikorrent ma ġiet fl-ebda punt kontestata mill-konvenut fil-mori tal-proċeduri odjerni**. **Lanqas tressqet xi prova da parti tal-konvenut illi x-xogħol effettivament sar, jew illi l-materjal effettivament inxtara**, b'dana għalhekk illi din il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għalfejn tirriduċi s-somma kif pretiża mir-rikorrent gialadarba l-ammont imħallas mir-rikorrent jirriżulta mill-provi;

27. Din il-Qorti, għalhekk, hija tal-fehma illi r-rikorrent irnexxielu jipprova illi hija dovuta lilu s-somma globali ta' **€123,439.83** rappreżentanti in kwantu għal €96,980.83 rifużjoni ta' flus kontanti mgħoddija mir-rikorrent lill-intimat, u in kwantu għal €26,459 rifużjoni ta' flus mgħoddija mir-rikorrent lill-intimat tramite Revolut. Konsegwentement, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex **tilqa'** t-talbiet rikorrenti, bl-imgħax dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.

**Decide**

28. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) **Tilqa' l-ewwel talba** tar-rikorrent u tiddikjara illi r-rikorrent għamel diversi ħlasijiet lill-intimat skond il-ftehim bejn l-istess partijiet;

[15] A fol 31 tal-proċess

(ii) **<u>Tilqa' t-tieni talba</u>** tar-rikorrent u tiddikjara illi l-intimat kiser dan il-ftehim billi ma użax il-flus li ngħataw mir-rikorrent għall-iskop li ngħataw;

(iii) **<u>Tilqa' t-tielet talba</u>** tar-rikorrent u tillikwida s-somma li għandha tingħata lura lir-rikorrent mill-intimat fl-ammont globali ta' **mija u tlieta u għoxrin elf, erba' mija u disgħa u tletin Ewro u tlieta u tmenin ċenteżmu (€123,439.83);**

(iv) **<u>Tilqa' r-raba' talba</u>** tar-rikorrent u tordna lill-intimat sabiex iħallas lir-rikorrent din is-somma hekk likwidata, flimkien mal-imgħax dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjeż ġudizzjarji, u l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali bin-numru 1951/2023, għandhom jiġu sopportati mill-intimat.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**